# Amalgama Dentali – Informazzjoni għal Pazjenti Nisa Tqal jew li Qegħdin Ireddgħu

**X'inhi amalgama dentali?**
Amalgama dentali hija materjal lewn il-fidda li jintuża b'mod komuni għall-mili ta' snien imħassrin. Amalgama hija taħlita ta' metalli, inkluż merkurju, u hija materjal b'saħħtu u li jdum iservi ħafna li jintuża għall-mili.

**L-Amalgama Dentali hija Mingħajr Periklu?**
Iva, l-amalgama dentali ilha tintuża għall-mili tas-snien għal aktar minn 150 sena. L-evidenza xjentifika wriet ripetutament li l-mili bl-amalgama ma jikkawża l-ebda ħsara lis-saħħa.

**X'inhu t-tħassib dwar l-Amalgama Dentali?**
It-tħassib dwar l-amalgama dentali huwa wieħed ambjentali. Fl-2018 daħlu fis-seħħ regolamenti ġodda fl-Unjoni Ewropea (UE) li jirrestrinġu l-użu tal-merkurju. Dawn ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-amalgama dentali għandhom l-għan li jgħinu sabiex inaqqsu t-tniġġis ambjentali mill-merkurju u **mhumiex riżultat ta' xi tħassib ta' sikurezza dwar il-mili bl-amalgama** għall-pazjenti dentali.

**Għaliex ingħatajt din l-informazzjoni?**
Billi inti mara tqila jew li qed tredda', ir-regolamenti ġodda japplikaw għalik, hekk kif, minħabba dawn ir-regolamenti ġodda, ma għadux permess li l-amalgama dentali tintuża għat-trattament ta' nisa tqal u li qegħdin ireddgħu, sakemm id-dentist/a ma jidhirlux/jidhrilhiex li din hija neċessarja.

**Kif nista' nnaqqas l-użu tal-Amalgama Dentali?**
L-aħjar mod kif tevita l-ħtieġa għal mili bl-amalgama huwa li tipprevjeni t-tħassir tas-snien mill-ewwel. Sabiex tagħmel dan:

- Aħsel snienek darbtejn kuljum b'toothpaste li fih il-fluoride.
- Segwi pariri dwar ikel tajjeb għas-saħħa, speċjalment fir-rigward taz-zokkor, sabiex tipprevjeni t-taħsir tas-snien.
- Jistgħu jintużaw trattamenti bħal verniċ bil-fluoride u siġillanti sabiex jipprevjenu jew iwaqqfu t-tħassir fl-istadji bikrin.
- Filwaqt li ħafna mit-trattamenti dentali matul it-tqala huma mingħajr periklu, id-dentist/a tiegħek jista'/tista' jagħtik/tagħtik il-parir li tipposponi ċerti trattamenti kumplessi, bħal operazzjonijiet, għal wara t-twelid, sakemm ma jkunux meħtieġa b'mod urġenti, pereżempju, jekk tkun muġugħa. Jekk tkun teħtieġ mili waqt li tkun tqila jew qed tredda', jeżistu materjali oħrajn, minbarra l-amalgama dentali, li jistgħu jintużaw mid-dentist/a tiegħek. Huwa/hija ser jiddiskuti/tiddiskuti dawn miegħek sabiex flimkien taqblu fuq l-aħjar għażla.

**Office of the Superintendent of Public Health**
Out-Patients Dept. Level 1, St Luke's Hospital Gwardamangia
**t** +356 25953302/3 **e** sph.mhec@gov.mt

**Xi ngħidu dwar il-mili bl-amalgama li għandi diġà?**
Jekk diġà għandek mili bl-amalgama, **ma hemm ebda evidenza li tissuġġerixxi li dan huwa ta' ħsara għalik jew għas-saħħa tat-tarbija tiegħek**. Sakemm il-mili bl-amalgama tiegħek ma jkunx miksur jew ma jkunx hemm aktar taħsir, u sakemm ma jkunx meħtieġ trattament urġenti, ma hemm għalfejn isir xejn.

**Jekk tixtieq aktar informazzjoni jew għandek xi tħassib, jekk jogħġbok kellem lid-dentist/a tiegħek.**

Dan il-fuljett ġie żviluppat mill-Kumitat Konsultattiv tas-Saħħa dwar l-Amalgama. Din l-informazzjoni u informazzjoni oħra għall-pazjenti hija disponibbli fuq is-sit web tad-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa.